***- Kollizzjoni Marittima-***
*- Merchant Shipping Act 1973-*
*- Merchant Shipping (Prevention of Collisions) Regulations, 1997.-*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 21 ta' Frar, 2001**

**Kawza Numru: 35**
**Citazzjoni Numru: 2498/96/RCP**

**John u Mary konjugi Sultana**

**vs**

**Alexander Hall**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-1 ta' Settembru 1995 ghal habta ta' 15.20 hrs il-konvenut li kien qed isuq il-yacht tieghu S.Y. 'POCKET

ROCKET kien involut f'incident marittimu li sehh xi mil u nofs barra mill-ponta tal-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar, meta il-konvenut baqa' diehel fih u habat mal-M.V. 'VINCIENNE' u kkagunalu danni.

Illi l-kollizzjoni marittimu sar unikament tort tal-konvenut talli bi traskuragni, b'imprudenza, b'imperizja, negligenza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti marittimi kif jigi ppruvat waqt il-kawza;

Illi bhala rizultat tal-istess incident l-atturi soffrew hsarat u danni ikkagunati mill-konvenut;

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kkagunati lill-attur, huwa baqa' inadempjenti.

L-istess atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tiddeciedi u tiddikjara l-konvenut responsabbl ghall-kollizjoni li saret unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imprudenza, imperizja, negligenza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti marittimi li sar fl-1 ta' Settembru 1995 xi mil u nofs il-barra mill-ponta tal-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar;

2. tiddeciedi u tiddikjara l-konvenut responsabbli ghad-danni kollha ikkagunati minnu lill-attur minhabba l-kollizjoni marittimu li saret fl-1 ta' Settembru 1995;

3. tillikwida d-danni kkawzati mill-konvenut f'dan l-incident marittimu u sofferti mill-attur occorendo permezz ta' periti nominandi, jekk ikun il-kaz;

4. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma hekk likwidata;

BI-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda ipprezentata mill-attur a fol 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata minnu fit-18 ta' Marzu 1997 a fol 9 tal-process li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-meritu tal-kawza odjerna huwa identiku ghall-kawza fl-ismijiet inversi: "ALEXANDER HALL vs JOHN SULTANA ET" (Citaz. Nru: 900/96FGC) li tinsab differita ghas-seduta tat-2 ta' Gunju, 1997. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jecepixxi l-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens*.

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess anke fl-eventwalita li l-Qorti kellha tiddikjara lill-eccipjent responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza, huwa m'ghandux jehel spejjez ghat-tieni talba stante li din hija identika ghall-ewwel talba.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol 10 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta' Mejju 1997; tas-27 t'Ottubru 1997; tas-16 ta' Jannar 1998 fejn gie nominat bhala Perit Tekniku Michael Aquilina; tal-15 ta' Gunju 1998; tal-4 ta' Dicembru 1998 fejn il-Perit Michael Aquilina halef ir-rapport; tas-16 t'April 1999 fejn Dr Pace talab differiment biex ikun jista' jipprezenta nota bl-ismijiet ta' nies li jistghu jaghmluha ta' Periti Addizzjonali f'din il-kawza; tad-19 ta' Mejju 1999 fejn il-Qorti nnominat bhala Periti Addizzjonali lill-Kaptan Ronald Vella, lill-Kaptan Mark Chapelle u lill-Kaptan Richard Gabriele, dan l-inkarigu inghata a spejjez provizzorjament tal-konvenut; tal-10 ta' Jannar 2000; tal-14 ta' Frar 2000 fejn il-Periti Addizzjonali nghataw il-fakolta li jahilfu r-rapport taghhom fir-Registru; tas-17 ta' Marzu 2000; tat-3 t'April 2000 fejn l-attur iddikjara li l-Periti

Addizzjonali jinsabu mhallsa, tal-24 ta' Mejju 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-verbal tat-12 t'Ottubru 2000 fejn Dr Malcolm Pace talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u prefiggiet terminu ta' 40 jum ghall-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijiet mill-attur bil-visto lid-difensur tal-kontro-parti li kellu 40 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2001.

Rat il-verbal tal-31 ta' Jannar 2001 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza l-kawza giet differita ghall-21 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirreferi ghar-rikors konguntiv tal-partijiet ta' l-4 ta' Settembru 1997 fejn l-istess partjiet talbu biex din il-kawza timxi mal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi b'citazzjoni numru 900/96/RCP li tinsab ukoll fuq il-lista tal-lum u sabiex il-provi jingabru flimkien, u in vista tal-fatt li l-provi kollha dwar il-kollizzjoni marittima in kwistjoni ingabru fil-kawza fl-ismijiet "Alexander Hall et vs John Sultana" a

tenur tal-istess talba tal-partijiet fir-rikors premess, fejn anke saret relazzjoni peritali unika, (ghalkemm giet prezentata wahda aposita ghal din il-kawza) u anke sar rapport mill-Periti Addizzjonali identiku ghaz-zewg kawzi (f'kull kawza gie esebit ir-rapport medesimu), il-Qorti tiddegreta illi il-provi kollha u l-atti kollha migbura u ezistenti fil-kawza fl-ismijiet inversi b'Citazzjoni Numru 900/96/RCP fuq il-lista tal-lum jghoddu wkoll bhala provi u atti migjuba u mressqa u prezentati f'din il-kawza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u dan ghall-ekonomija tal-gudizzju u spejjez u kif ukoll mitlub mill-istess partijiet fil-kawza odjerna permezz tar-rikors citat.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fejn appuntu eccepixxa "*lis alibi pendes*" u dan in vista tal-kawza "Alexander Hall vs John Sultana et" Citaz Nru 900/96/RCP fuq imsemmija, jinghad li l-effett ta' dik l-eccezzjoni huwa dak li "*il-kawza mressqa l-ahhar tista' tigi mibghuta lil dik il-Qorti l'ohra"*, u fil-fatt jidher li hekk sar f'dawn il-kawzi ghaliex b'digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju 1997 din il-kawza, li kienet it-tieni kawza prezentata fuq l-istess incident giet assenjata lil din il-Qorti li kienet hadet gia konjezzjoni tal-kawza l-ohra fuq citata, u fil-fatt ghalhekk inghata d-digriet fuq imsemmi u fil-fatt din il-Qorti qeghda ulterjorment tordna l-konnessjoni tal-kawzi *ai termini* tal-**Artikolu 793 tal-Kap 12.**

Illi din hija kawza li titratta dwar kollizzjoni marittima li saret fl-ewwel ta' Settembru 1995 bejn l-*MV Vincienne* igwidata

mill-attur u bejn l-*SY Pocket Rocket* li kienet igwidata mill-konvenut liema incident marittimu sehh xi mil u nofs barra mill-ponta tal-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar. Il-Qorti giet mitluba biex tiddeciedi dwar ir-responsabilita` ta' l-istess incident marittimu li skond l-attur gara minhabba nuqqasijiet u negligenza da parti tal-konvenut.

Illi dwar il-mertu din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza li nghatat illum stess fil-kawza fl-ismijiet "Alexander Hall vs John Sultana et" Cit Nru 900/96/RCP u ovvjament din il-Qorti taddotta l-istess apprezzament tal-provi u konkluzzjonijiet hemm minnha ragjunti u ghalhekk qed issir referenza ghall-istess sentenza.

Illi ghal dan il-kaz ukoll huma applikabbli il-**Merchant Shipping (Prevention of Collisions) Regulations, 1997 (L.N. 3 of 1997)** u dwar l-istess qed isiru s-segwenti applikazzjonijiet fid-dawl tac-cirkostanzi attwali tal-kaz.

Illi vapur u/jew kull bicca ohra tal-bahar f'kull hin u f'kull mument irid izomm *proper lookout* bis-smiegh u bil-hars kif ukoll b'kull mezz iehor biex jigi determinat jekk jezistix *o meno* risku ta' kollizzjoni. **(Regola Nru 5 tal-Merchant Sh. Reg. (Prev of Coll) Reg 1997).**

Illi jirrizulta mix-xhieda illi l-kaptan u l-ekwipagg tal-*Pocket Rocket* kienu fil-*cockpit* tal-*yacht* u dawn kienu qed jaraw il-posizzjoni tal-*Vincienne* u tal *Pocket Rocket* u l-*yachts* l-ohra fit-tigrija. L-istess ekwipagg tal-ippruvaw isaffru u

javzaw bil-*VHF* biex jattiraw l-attenzjoni tal-ekwipagg tal-*Vincienne.*

Ma jirrizultax mill-banda l-ohra li l-kaptan jew l-ekwipagg tal-Vincienne kienu qed izommu *a radio watch* u cioe` li kienu qed jisimghu il-*VHF Channel 16*.

Dwar il-velocita` li biha ghandha tinstaq l-opra tal-bahar, il-periti addizzjonali jghidu illi din ir-regola titlob li kull vapur f'kull hin u mument jipprocedi b'velocita` sikura biex f'kull hin tista' tittiehed azzjoni effettiva biex tigi evitata kollizzjoni (**Regola numru 6** tar-regoli hawn fuq citati). Ikompli jghidu l-periti addizzjonali illi velocita` sikura tigi meqjusa fuq konsiderazzjonijiet vari li huma partikolarment:

(1) L-istat tal-vizibilita`;
(2) L-ammont ta' traffiku marittimu;
(3) Il-manuvrabilita` tal-vapur, b'referenza specjali ghad-distanza biex jieqaf u biex idur f'dawk il-kundizzjonijiet dominanti;
(4) L-istat tar-rih u tal-bahar.

Illi f'dan il-kaz, u anke mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-velocita` kemm tal-*Vincienne*, kif ukoll tal-*Pocket Rocket* kienet eccessiva. Pero` jirrizulta lil din il-Qorti mill-provi prodotti illi l-kaptan tal-*Vincienne* ma hax in konsiderazzjoni il-paragrafu numru tlieta (3) hawn fuq indikata.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi l-kaptan tal-*Vincienne* ma hax il-prekawzzjonijiet kollha necessarji sabiex tigi evitata l-habta *de quo*. Jirrizulta wkoll illi l-kaptan tal-*Pocket Rocket* zamm il-korsa w il-velocita` kif mitlub fir-regoli aktar il-fuq indikati u senjatament ir-regola numru tmienja (8).

Di fatti jirrizulta illi l-kaptan tal-*Vincienne* ma ghamilx dik l-alterazzjoni rikjesta fil-paragrafu (b) tar-regola numru tmienja (8) tar-*regulations* fuq indikati meta l-opra tal-bahar tieghu ghamlet il-moviment li ghamlet. Jinghad ukoll u anke hawn il-Qorti taqbel ma dak li jghidu l-periti addizzjonali u cioe` li l-kaptan tal-Pocket Rocket, meta ra li l-vapur l-iehor ma kien jidher li qed jaghmel xejn, biex jipprova jevita l-habta kif hu mitlub taht l-imsemmija *regulations.*

Illi jirrizulta wkoll mill-provi prodotti illi li kieku l-*Vincienne* daret fuq in-naha tax-xellug taghha, kieku l-habta kienet tigi evitata. Il-kaptan tal-*Vincienne* ma jidher li ha l-ebda prekawzzjoni hlief biex jikkoregi n-naqra devjazzjoni li kien qieghed ikollu fil-korsa tieghu, li kienet fid-direzzjoni tal-port ta’ Marsamxett.

Illi lanqas ma jirrizulta mill-provi prodotti li l-kaptan tal-*Vincienne* ha xi azzjoni sabiex tigi osservata distanza ta’ sigurta’ mill-*Pocket Rocket* u b’hekk jigi evitat ir-riskju tal-kollizzjoni. Ma jirrizultax lanqas mill-provi prodotti illi l-kaptan tal-*Vincienne* baqa’ josserva kemm ir-rotta tieghu u

kemm dik tal-*Pocket Rocket* biex jassigura li z-zewg vapuri jghaddu l-boghod bizzejjed minn xulxin.

Il-**Merchant Shipping (Prevention of Collissions) Regulations, 1997** jitkellmu wkoll, fir-**regola numru 18**, dwar ir-responsabilitajiet bejn il-bastimenti (*vessels*).

Illi jirrizulta minn qari akkurat ta' din ir-**regola numru 18** illi kellha tkun il-*Vincienne* li twarrab ghall-*Pocket Rocket*, dan ghaliex il-*Vincienne* tigi meqjusa l-*burdened vessel* u ghaldaqstant ghandha taghti d-dritta lill-vapur li hu miexi bil-qlugh.  Il-*Vincienne* zgur li ma tista' qatt titqies bhala *a vessel restricted in her ability to manoevre*.  Oltre dan, ir-**regola numru 16 tar-*regulations*** hawn fuq indikati jobbliga lil kull vapur illi jrid jaghti d-dritta lill-iehor, biex jaghmel dan kmieni u b'mod li l-vapur l-iehor jinduna malajr li dan sar.

Ir-*regulations* tan-1997 jitkellmu wkoll dwar l-azzjoni li jridu jiehdu l-*stand-on-vessels* (**Rule 17**).

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta bic-car illi l-kaptan tal-*Pocket Rocket* zamm il-velocita u l-korsa tieghu.  Ir-**regola numru 17** hawn fuq imsemmija tghid:

*"(a)   (i)      where one of the two vessels is to keep out of the way the other shall keep her course and speed;*

*(ii) The latter vessel may however take action to avoid collision by her maneuver alone, as soon as it becomes apparent to her that the vessel required to keep out the way is not taking appropriate action in compliance with these rules."*

Jigifieri l-*stand-on-vessel*, li f'dan il-kaz hu l-*Pocket Rocket*, jista' jiehu azzjoni bil-manuvra tieghu biss hekk kif ikun car li l-vapur l-iehor, f'dan il-kaz il-*Vincienne* ma ghamel xejn biex jevita l-kollizzjoni skond ma jitolbu dawn ir-regolamenti.

Il-Kaptan tal-*Pocket Rocket* xehed illi kellu diffikulta biex jaccerta ruhu jekk il-kaptan tal-*Vincienne* kienx qieghed jiehu l-azzjoni li suppost ha ghax il-korsa tal-*Vincienne* kienet qeghda tidher tinbidel ta' spiss, daqqa fuq naha u daqqa fuq naha ohra. B'dan, il-kaptan tal-*Pocket Rocket* ma setax ikun cert jekk il-*Vincienne* kienitx ha tghaddi minn quddiem il-pruwa jew minn wara l-poppa tieghu.

Ir-**regola 17 (b) tal-Merchant Shipping (Prevention of Collissions) Regulations, 1997** jghid illi:

*"(b) when, from any cause, the vessel required to keep her course and speed finds herself so close that collision cannot be avoided by the action of the give-way vessel alone, she shall take such action as will best aid to avoid collision."*

Illi dan jimporta allura li l-vapur li ghandu d-dritta, li f'dan il-kaz diga ntqal li huwa l-*Pocket Rocket*, u li tant ikun vicin ta' kollizzjoni li ma tistax tigi evitata mill-vapur l-iehor, f'dan il-kaz il-*Vincienne*, ghandu jiehu azzjoni hu (il-*Pocket Rocket*) biex jipprova kemm jista' jkun ma ssirx il-kollizzjoni.

Illi jirrizulta ghalhekk bl-aktar mod car illi l-kaptan tal-*Vincienne* naqas mill-obbligi tieghu skond ma jitolbu r-regolamenti maghrufa bhala **Merchant Shipping (Prevention of Collissions) Regulations 1997** u ghalhekk kien il-kawza prossima tal-istess kollizzjoni maritima u ghalhekk responsabbli ghad-danni sofferti mill-istess konvenut.

Illi dan kollu premess huwa konfortat kemm mir-relazzjoni peritali tal-Perit Tekniku Michael A. Aquilina, u fir-rigward tal-istess din il-Qorti tikkonferma u taddotta r-ragunijiet migjuba mill-istess perit tekniku sabiex iwassal ghall-konkluzzjonijiet minnu raggunti fejn fosthom jidher li l-attur ma kienx *"on look out"* peress li ra lill *Pocket Rocket* biss xi 20 metru il-boghod minnu meta kien hemm xi nies ixxejjru, u tenut kont ukoll tad-diversi *boats* u sailing boats li kien hemm fil-vicinanzi, dan juri li l-istess attur ma kienx il-hin kollu attent; *inoltre* f'dawn il-kundizzjonijiet, l-istess attur baqa' miexi b'velocita' ta' 16 il-*knot*, bil-pruwa merfugha mill-ilma u b'rotta xejn dritta, li juru certament nuqqas ta' attenzjoni ghal dak li kien qed jigri madwaru, u wkoll nuqqas kbir ta' prudenza anke fis-sewqan, tant li l-attur qatt

ma irrejalizza li kien hemm perikolu li ssehh kollizzjoni hlief meta kien tard wisq.

Illi f'dan il-kuntest wiehed jirreferi ghall-istess relazzjoni peritali prezentata fil-kawza l'ohra bl-ismijiet inversi fuq citata u din il-Qorti taddotta bhala taghha, l-konsiderazzjonijiet kollha indikati fil-paragrafi 8 sa 12 taht it-titolu ta' "KONSIDERAZZJONI" tal-istess rapport peritali, li juru b'mod car in-nuqqasijiet lampanti tal-istess attur, li certament minhabba in-nuqqas ta' attenzjoni tieghu, inkluz in-nuqqas tat-tharis tar-regolamenti citati, irrenda ruhhu inkapaci li jagixxi meta iffacjat bil-perikolu ta' kollizzjoni, tant li lanqas agixxa korrettament b'mod li l-manuvri li ghamel certament ma setghux iwasslu biex jigi evitat l-impatt mal-*craft* tal-konvenut.

Illi *a propositu* din il-Qorti wkoll tirreferi ghar-rapport addizzjonali minn fejn jirrizulta li l-istess periti addizzjonali kkonfermaw illi l-attur ma zammx *"proper lookout"* stante li certament jirrizulta li l-attur ma kienx qed izomm *"a radio watch";* fil-kalkolazzjoni ta' dak li tissejjah *'velocita` sigura'* l-attur naqas li jiehu in konsiderazzjoni *"il-manuvrabilita' tal-vapur, b'riferenza specjali ghad-distanza biex jieqaf u biex idur f'dawk il-kondizzjonijiet dominanti"* u naqas li jzomm distanza sigura mill-*Pocket Rocket;* ma kienx konxju ta' dak li jissejjah *"ir-risk of collission"* hlief meta kien tard wisq; naqas li jiehu azzjoni proprja sabiex jevita l-kollizzjoni peress li nonostante li l-vapur tieghu kien qed jaghmel *yawing movement* ma ghamilx olterazzjoni kbira tal-korsa,

u ghalhekk naqas li jiehu azzjoni posittiva fil-hin; tant huwa minnu dan li l-attur setgha dar lejn in-naha tax-xellug (*port*) fejn kellu post bizzejjed, izda minflok huwa ma ghamel xejn hlief ikkorega naqra id-devjazzjoni li kien qed ikollu fil-korsa tieghu; naqas ukoll milli jipprova jieqaf, inaqqas jew anke jmur lura bil-magni; naqas li jinduna li bhala *"burdened vessel"* kellu jaghti d-dritta lill-vapur li huwa miexi bil-qlugh; u nonostante li l-konvenut zamm il-velocita' w il-korsa tieghu, l-attur baqa' ma ghamel xejn, anzi l-korsa tieghu baqghet tinbidel ta' spiss daqqa fuq naha u daqqa fuq ohra.

Illli dan kollu jinsab ikkonfermat mir-relazzjoni addizzjonali tal-istess periti teknici, u fil-waqt li din l-istess Qorti taddotta l-istess konkluzzjonijiet, ghalhekk jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li l-attur kien responsabbli unikament tal-kollizzjoni imsemmija, u wkoll il-kawza prossima tal-istess kollizzjoni.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-attur kien il-kawza prossima tal-kollizzjoni marittima *de quo*.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li rrizulta li kien l-istess attur unikament

responsabbli ghall-incident marittimu li sehh fl-1 ta' Settembru 1995.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta' Frar, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**21 ta' Frar, 2001.**